# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 15**

**Rikors numru 1707/01 AL**

**Anthony Farrugia Company Limited**

**v.**

**(1) Wallace u Domenica konjugi Fino**
**(2) Chris u Claudette konjugi Gauci**
**(3) David u Angela konjugi Demarco**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressqet is-socjeta` attrici fid-29 ta' Ottubru, 2001, u li taqra hekk:

> "Peress illi s-socjeta' attrici hi kreditrici tal-konvenuti solidalment fis-somma ta' tlieta u tletin elf u tnejn u tmenin lira maltin u hamsin centezmu (LM33,082.50) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata;

"Peress illi l-kreditu hu likwidu, cert u dovut u, fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas;

"Peress illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante diversi talbiet ghall-hlas;

"Jghidu, ghalhekk, il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti, in vista tal-premess, m'ghandhiex:

(1) "tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma hawn fuq imsemmija ta' tlieta u tletin elf u tnejn u tmenin lira maltin u hamsin centezmu (LM33,082.50) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjta kif fuq intqal,u dan bid-dispensa tas-smiegh in vista tal-Affidavit Dok. A anness fit-termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali dekorribbli u komputabbli mid-dati indikati fl-istatement u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Wallace u Domenica Fino u ta' Chris u Claudette konjugi Gauci li in forza taghha eccepew illi:

1. "Fl-ewwel lok illi l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontradditturi tat-talbiet attrici billi huma personalment ma xtrawx l-affarijiet indikati mill-attur u huma personalment ma ghandhomx jaghtu lill-atturi is-somma mitluba. Illi l-atturi ghandhom jiddeducu il-pretensjonijiet taghhom kontra l-kumpannija Price Club Operators Limited li taghha l-istess eccipjenti Wallace Fino u Chris Gauci huma diretturi dan kif del resto jirrizulta kemm mill-fatturi mibghuta lill-istess kumpannija kif ukoll mill-Credit Application Form imsemmija fic-citazzjoni odjerna, liema credit application form ma hi xejn hlief talba mill-Kumpannija Price Club Operators Limited ghal estensjoni ta' kreditu lilha;

2. "Illi s-solidarjeta fost debituri ma tistax tigi prezunta imma ghandha tirrizulta espressament minn xi ftehim. L-eccipjenti ma humiex responsabbli ghad-djun ta' terzi persuni fil-konfront tal-atturi u id-dokument B anness mac-citazzjoni attrici ma jiswiex biex tinholoq tali rabta u dan ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jistghu jirrizultaw tul is-smigh tal-kawza;

3. "Illi l-eccipjenti Domenica Fino u Claudette Gauci jeccepixxu ulterjorment illi fi kwalunkwer kaz l-eccipjenti ma humiex qed jirrikonoxxu xi responsabbilita ghal dawn l-ammonti billi huma qatt ma taw il-kunsens taghhom u qatt ma awtorizzaw li l-komunita tal-akkwisti

tigi aggravata b'xi djun bhal dawk premessi fic-citazzjoni attici. Illi jiddikjaraw inoltre li jekk jirrizulta li zewghom iffirma xi att li jiswa biex johloq xi piz bhal dan fuq il-komunita tal-akkwisti, kull wahda mill-eccipjenti sejra tipprocedi quddiem din l-Onorabbli Qorti ghal dikjarazzjoni tan-nullita tal-att in kwistjoni;

4. "L-eccipjenti Claudette Gauci tecepixxi ulterjorment li l-komunita tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha giet xjolta u dan in forza ta' kuntratt pubbliku tat-30 ta' Awissu 2001.

5. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

6. "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti David u Angela konjugi Demarco li in forza taghha eccepew illi:

1. "L-eccipjenti m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici, u lill-eccipjenti ma giet mibjugha jew konsenjata l-ebda merkanzija;

2. "Fic-citazzjoni ma ssir l-ebda riferenza ghall-credit application form annessa mal-istess citazzjoni u markata Dok. B, u ghalhekk, jekk u talvolta bazati fuq dak id-dokument, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

3. "Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif formolata l-istess credit application form Dok. B, l-eccipjenti m'humiex tenuti jaghmlu tajjeb ghad-dejn tad-debitur principali, Price Club Operators Limited".

Rat illi b'nota tas-16 ta' Dicembru, 2008, is-socjeta` attrici cediet il-kawza fil-konfront tan-nisa tal-konvenuti, u cioe`, fil-konfront ta' Domenica Fino, Claudette Gauci u Angela Demarco u zammet ferm il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuti zwieghom;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru, 2011, li in forza taghha iddecidiet il-kawza:

> "billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Wallace Fino, Chris Gauci u David Demarco solidament sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebgha u sebghin elf wiehed u sittin ewro u hamsin centezmu (€77,061.50), ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (LM33,082.50), bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess konvenuti. Il-Qorti tikkundanna wkoll lill-konvenuti sabiex ihallsu l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni. L-ispejjez tal-konvenuti Domenica Fino, Claudette Gauci u Angela Demarco ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi irrizulta mill-provi illi Wallace Fino xehed illi meta iffirma huwa dejjem iffirma ghan-nom tal-kumpanija u qatt ma iffirma personalment. Wallace Fino intalab jaqra jghajjat il-"credit application form" a fol. 6 tal-process u ikkonferma illi hemm miktub "I undertake personal responsibility", izda qal illi l-kitba ma kienitx tieghu. Huwa xehed illi ma kienx financial controller u hadd ma qalilhom li kienu ser ikunu responsabbli personalment u hu kien iffirmaha fis-sens li kien qed jiffirma ghan-nom tal-kumpanija. Wallace Fino xehed ukoll illi jaf b'sentenzi decizi minn din il-Qorti fejn in-nisa tad-debituri gew dikjarati kodebituri u fl-appell gie deciz li r-responsabbilita kienet ta' l-irgiel biss u mhux tan-nisa ukoll.
>
> "Illi l-konvenut Christopher Gauci xehed illi huwa qatt ma iffirma bhala xi garanzija personali, izda dejjem iffirma ghan-nom tal-kumpanija. Huwa xehed ukoll illi ma kienx jaf jekk il-kitba kienitx tieghu jew le, umbaghad qal "zgur mhix tieghi" u xehed illi qatt ma kellu l-inkarigu ta' financial controller, izda li l-financial controller kien David Demarco.
>
> "Illi l-konvenut David Demarco xehed ukoll li hu dejjem iffirma bhala financial controller.
>
> "Ikkunsidrat :
>
> "Illi mill-provi prodotti irrizulta illi s-socjeta' Anthony Farrugia Company Limited hija kumpanija sussidjarja tas-socjeta' Paolo Bonnici Limited.
>
> "Illi l-kawza fl-ismijiet Paolo Bonnici Limited vs Wallace Fino et Citazz Nru 1706/01 giet deciza fit-30 ta' Ottubru 2008. Fis-sentenza taghha il-Qorti iddecidiet illi l-pretenzjonijiet attrici kif dedotti kellhom jintlaqghu fil-konfront tal-konvenuti Wallace Fino, Chris Gauci u tenut kont ta' dak li gie deciz mill-Appell fil-kawzi li ghamlu in-nisa tal-

konvenuti u li gew decizi mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Gunju 2007, il-kreditu ma kellux jolqot sehem in-nisa mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Illi il-kawza Paolo Bonnici Limited vs. Wallace Fino Citazz 1706/01 giet abbandunata fis-7 ta' Dicembru 2010, ma thallsitx il-kawtela u ghalhekk l-appell gie differit sine die.

"Illi dik il-kawza kienet tittratta l-istess mertu ta' din il-kawza, kien hemm talba ghall-hlas u il-Qorti ikkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-azzjoni ta' l-attriċi hija mibnija fuq kitba privata, imsejħa "Credit Application Form", illi saret bejn is-soċjeta attriċi u l-konvenuti Wallace Fino, Chris Gauci u David Demarco u li permezz taghha infetaħ kont kurrenti sabiex Fino, Gauci u Demarco jixtru ħwejjeġ mingħand is-socjeta' attriċi. Il-konvenuti qeghdin jikkontendu illi huma ma iffirmawx f'isimhom izda f'isem is-socjeta' Price Club Operators Limited u għalhekk kontradittriċi leġittima għall-azzjoni tas-socjeta' attrici hija is-soċjeta Price Club Operators Limited u mhux huma.

"Illi verament il-kitba tgħid illi l-ħwejjeġ li jinxtraw mingħand is-socjeta' attrici kellhom umbagħad jinbiegħu minn outlet immexxija minn Price Club Operators Limited, izda dan ma jfissirx bilfors li l-kitba saret f'isem Price Club Operators Limited, għaliex il-fatt illi l-konvenuti kienu sejrin ibiegħu permezz ta' dik is-soċjeta ma jfissirx bilfors li kienu qegħdin jixtru f'isimha wkoll. In oltre anke jekk wiehed jasal biex jghid illi n-negozju sar f'isem Price Club Operators Limited, xorta wahda il-konvenuti intrabtu bil-patt "I undertake personal liability for payment".

"Illi huwa minnu illi il-konvenuti kienu qegħdin jintrabtu bħala garanti u mhux bħala xerrejja. Madankollu peress illi l-obbligazzjoni hija waħda kummerċjali hemm solidarjeta bejn id-debituri u għalhekk l-obbligazzjoni tas-soċjeta u dik tal-garanti jistgħu jitqiesu li huma l-istess.

"Illi ghal dak illi jirrigwara il-konvenut David Demarco, huwa xehed illi kien qieghed jiffirma bhala financial controller tal-Price Club, izda mistoqsi ghalfejn ma nizzilx wara il-firma tieghu li kien qieghed jiffirma bhala financial controller, huwa xehed illi huwa dejjem iffirma bhala financial controller. Huwa xehed illi qabel mal-kliem "personal responsibility for payment" fl-ewwel pagna izda b'dan ried iffisser "personal responsibility to effect the payments." Huwa xehed ukoll illi kemm Fino u kif ukoll Gauci qatt ma ipproponewlu illi jezentawh minn tali obbligazzjoni ghaliex kien biss impjegat tal-kumpanija u ma kienx la direttur u laqas share holder tal-kumpanija, u lanqas hu ma staqsihom sabiex jezentawh. Huwa xehed illi meta iffirma il-formola huwa fehem illi kien qieghed jiehu responsabbilita li jassigura li l-pagamenti isiru skond kif imnizzel fl-istess formola.

> "Illi il-Qorti tara illi ghandha tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talbiet attrici, b'dan illi, kif diga intqal, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Claudette Gauci, Domenica Fino u Angela Demarco."

Rat illi l-appell li ressqu l-konvenuti Wallace Fino u Christopher Gauci gie dikjarat dezert minn din il-Qorti b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2016;

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Demarco li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti:

> "joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti datata 25 ta' Novembru, 2011, permezz ta' liema sentenza l-istess Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellant u laqghet it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici u minflok tilqa' l-istess appell u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` appellata fil-konfront tieghu u tilqa' l-ecezzjonijiet tal-appellant, u dan ai termini tal-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tas-socjeta` appellata".

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li s-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita li tigi ikkonfermata *in toto* minn din il-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-azzjoni attrici hija bazata fuq skrittura intestata "*Credit application form*" li saret bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti li permezz taghha infetah kont kurrent sabiex il-konvenuti jkunu jistghu jixtru prodotti *on credit* minghand is-socjeta` attrici. Il-konvenuti jghidu li huma iffirmaw f'isem Price Club Operators Ltd. tant li fuq *statement* ta' kemm ghandha tiehu s-socjeta` attrici hemm imnizzel li dak hu kont ta' "Price Club Operators Ltd.". L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` attrici peress li ma jirrizulttax li l-konvenuti iffirmaw f'isem l-imsemmija socjeta`, u ghax f'kull kaz, fuq il-ftehim hemm indikat, fuq il-firma tal-konvenuti, li "*I undertake personal liability for payment*".

It-tlett konvenuti appellaw mis-sentenza, izda, kif inghad, l-appell tal-konvenuti Fino u Gauci gie dikjarat dezert. L-appellant Demarco jsostni li hu qatt ma kien direttur jew azjonist tas-socjeta` Price Club Operators Ltd., li taghha hu kien biss impjegat bhala *financial controller*. Meta iffirma l-"*credit application form*" hu qal li ra fejn hemm indikat li hu kien responsabbli personalment, pero`, fehem li dik kienet tfisser li hu, bhala *financial controller* tal-kumpanija, kien qed jobbliga ruhu li jiehu hsieb johrog ic-cekkijiet bil-pagamenti fil-hin.

Din il-Qorti tqies li l-materja involuta fil-kaz iddur fuq interpretazzjoni tal-fatti u din il-Qorti mhux soltu li tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti ta' dawn il-fatti, jekk mhux ghar-ragunijiet serji li jinfluwixxu fuq ir-ragonevolezza ta' dik l-analizi. F'dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant hija wahda tajba u ragonevoli. Il-*credit application form* li l-appellant iffirma kienet tikkoncedi lill-konvenuti zmien miftiehem biex ihallsu ghall-prodotti li jixtru minghand is-socjeta` attrici u kienet torbot lill-konvenuti <u>personalment ghall-hlas</u>. In-negozju tal-bejgh tal-prodotti seta kien intiz li jsir bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Price Club, u hu probabbli wkoll illi l-hsieb kien li tkun din l-ahhar socjeta` li thallas ghad-debiti taghha versu s-socjeta` attrici. Jibqa' l-fatt pero`, li fuq din l-iskrittura, is-socjeta` attrici insistiet ghall-impenn personali tal-firmatarji ghall-hlas, u fost il-firmatarji hemm dik tal-appellant Demarco. Dan l-appellant ma kellux obbligu jiffirma dik l-iskrittura, meta tqies li ma kienx direttur tas-socjeta` Price Club, pero`, meta gie mitlub jiffirma ghazel li hekk jaghmel minghajr rizerva jew kwalifika.

X'seta fehem l-appellant b'dik il-formula fuq l-iskrittura huwa irrilevanti meta tqies li s-sentenza hi cara meta tirreferi ghall-"*personal liability for payment*". L-appellant mhux bniedem ta' bla skola, u din is-sentenza tinponi mhux obbligu li johrog ic-cekkijiet, izda obbligu personali ghall-hlas. Ir-responsabilta` li johrog ic-cekkijiet ma kienetx tieghu personali,

izda tieghu qua *financial controller*; izda hu assuma responsabilta` personali ghall-hlas li kellu jsir skont dik l-iskrittura.

L-appellant jghid li meta iffirma dik l-iskrittura huwa haseb li hu kien qed jinpenja ruhhu jara li jsiru l-hlasijiet li kellhom isiru, "*u dan naturalment bi flus il-kumpanija li kienet qed timpjegani u mhux tieghi*". Dan l-ahhar kumment, pero`, huwa imxejjen bil-kliem car tal-formula li titkellem fuq "*personal liability*", li tfisser assunzjoni, flimkien mal-konvenuti l-ohra, ghad-djun li jkunu irrizultaw bhala konsegwenza ta' dik l-iskrittura.

Lanqas ma hi rilevanti x'seta kien il-"hsieb" tal-partijiet wara dik l-iskrittura, ghax hu principju li meta l-partijiet jirrikorru ghall-miktub, ir-relazzjoni ta' bejniethom tkun regolata b'dik il-kitba. X'kienet ir-relazzjoni li l-appellant kellu mal-konvenuti l-ohra hija wkoll immaterjali ghax vis-à-vis it-terz, is-socjeta` attrici, l-appelant obbliga ruhu li jhallas ghall-prezz tal-prodotti mibjugha mis-socjeta` attrici. Din l-obbligazzjoni personali li assuma l-appellant hija wahda ovvjament kummercjali, peress li saret fil-kuntest ta' negozju ta' bejgh kummercjali, u fit-termini tal-Artikolu 115 tal-Kodici Civili, f'sitwazzjonijiet simili, is-solidarjeta` hi prezunta.

Il-fatt li s-socjeta` attrici gia` ghandha titolu ezekuttiv kontra l-konvenuti l-ohra Fino u Gauci, ma jfissirx li hi ma tistax titlob titolu iehor simili fil-

konfront tal-appellant. Kreditur ta' obbligazzjoni mhux obbligat jaghzel kontra min mid-debituri taghha jipprocedi, u jekk ghandu izjed minn debitur wiehed ghall-istess obbligazzjoni, jista' jottjeni titolu ezekuttiv kontra d-debituri kollha, u wara jaghzel hu kif jipprocedi ghall-esekuzzjoni.

Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-analizi tal-provi kif maghmula mill-ewwel Qorti.

Dwar l-ilment li l-lokuzzjoni tac-citazzjoni ma treggix fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti tghid li ma taqbilx mieghu. L-azzjoni saret fuq allegazzjoni li s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti f'somma flus rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha. Ghalkemm il-bejgh kien isir lis-socjeta` Price Club, kif intwera, it-tlett konvenuti assumew personalment ir-responsabilta` ghall-hlas tal-prodotti hekk mibjugha. L-appellant Demarco, meta iffirma l-iskrittura in kwistjoni, ma assumiex rwol ta' garanti, izda assuma responsabilta` personali bhala ko-debitur maz-zewg firmatarji l-ohra. Huwa sar ko-debitur ghad-djun kollha tas-socjeta` Price Club Ltd., u kien ghalhekk li s-socjeta` attrici setghet korrettement tiddiskrivi ruhha bhala kreditrici tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' David Demarco billi tichad l-istess u tikkonferma is-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez marbuta ma' dan l-appell ta' David Demarco jithallsu mill-istess

appellant. L-ispejjez marbuta mal-appell tal-konvenuti Fino u Gauci ghandhom jithallsu minn dawn l-istess appellanti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb